**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**Vs**

**Clifford Farrugia**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Clifford Farrugia**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Francesco Saverio Farrugia u Catherine Farrugia neè Vella, imwieled fit-12 ta' Lulju 1988 ġewwa Marsaxlokk, residenti ġewwa fond Nru. 51, "Willkommen", Triq il-Fuħħar l-Aħmar, Mġarr, Malta, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0319088M, talli nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2024, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan, ġewwa Montekristo Estate, Triq Ħal Farruġ, is-Siġġiewi u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Kiser Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Mirjana Farrugia, impost fuqu mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mill-Imħallef Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., datat nhar is-16 ta' Jannar 2024, u dan sabiex jipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija persuna;

2. Kiser Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Mirjana Farrugia, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., datat nhar it-3 ta' Settembru 2024, u dan sabiex jipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija persuna;

3. Ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża kkonfermata mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., datata nhar it-3 ta' Settembru 2024;

4. Ukoll talli fl-istess żmien, lok u taħt l-istess ċirkostanzi kiser l-obbligazzjoni personali li kienet magħmula għal żmien tnax-il (12) xahar mis-sentenza taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., nhar it-3 ta' Settembru 2024 u dan bi ksur ta' l-Artikoli 383(1) u 383(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Mirjana Farrugia, liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Clifford Farrugia għal benefiċċju ta' Mirjana Farrugia u l-familjari tagħha, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Clifford Farrugia għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "F";

Rat li l-imputat, mistoqsi mill-Qorti x'jwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2024, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan, ġewwa Montekristo Estate, Triq Ħal Farruġ, is-Siġġiewi u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin: (1) Kiser Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Mirjana Farrugia, impost fuqu mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mill-Imħallef Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., datat nhar is-16 ta' Jannar 2024, u dan sabiex jipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija persuna; (2) Kiser Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Mirjana Farrugia, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., datat nhar it-3 ta' Settembru 2024, u dan sabiex jipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija persuna; (3) Ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża kkonfermata mill-Qorti tal-Maġistrati,

mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., datata nhar it-3 ta' Settembru 2024; (4) Ukoll talli fl-istess żmien, lok u taħt l-istess ċirkostanzi kiser l-obbligazzjoni personali li kienet magħmula għal żmien tnax-il (12) xahar mis-sentenza taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LL.D., nhar it-3 ta' Settembru 2024 u dan bi ksur ta' l-Artikoli 383(1) u 383(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Mirjana Farrugia, liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ikkunsidrat ukoll li t-tieni u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat:

A. L-Artikoli 339(1)(e), 382A(3) u 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, tat-tieni u tal-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

   A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

   Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

B. L-Artikoli 28B(1)(2)(a) u 28Ċ(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u deher li ddispjaċih ta' liema għamel, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-imsemmi Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-perijodu operattiv ta' erba' (4) snin impost fuq l-imputat bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Clifford Farrugia" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Settembru 2024, għandu jibqa' fis-seħħ.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mill-ġdid spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni hawn imsemmi, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

C. L-Artikoli 387(1) u 585 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tordna l-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €2,000 imposta bħala obbligazzjoni ai termini ta' l-Artikoli 383(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Clifford Farrugia" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Settembru 2024. L-imputat għandu jħallas il-garanzija ta' €2,000 li qed tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta bis-saħħa ta' din is-sentenza fuq perijodu ta' sena (1) permezz ta' pagamenti mensili ta' €166.66 il-wieħed, dovuti fl-aħħar tax-xahar ta' kull xahar konsekuttiv u sussegwenti, bl-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fil-31 ta' Ottubru 2024. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' imqar pagament mensili wieħed l-ammont dovut mill-garazija hawn ikkonfiskata jiġi kkonvertit f'terminu ta' priġunerija ai termini ta' l-Artikolu 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dak li rriżulta fil-kors tas-smigħ ta' dan il-każ, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' tlett (3) snin u dana taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta'

Mirjana Farrugia. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma jirriżultax li ġew nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas ta' l-ispejjeż.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**